MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 746/2012

**Michael Attard Limited**
**C 32362**

**Vs**

**Carmelo maghruf bhala Charles Vassallo u Salvina Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2012 fejn is-socjeta' attrici tablet li l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn u disghin ewro u erbatx-il ewro (€2,090.14) rapprezentanti bilanc ta' import ta' 17 (sbatax -il) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-intimati.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti debitament notifikati pprezentaw risposta fejn eccepew illi l-initmati konjugi Vassallo jaqblu li baqa' bilanc dovut lill Michael Attard Limited fis-somma ta; elf mija u ghaxar ewro u erbatax-il centezmu (€1,110.14) izda jikkontestaw is-somma ta' disa' mija u tmenien ewro (€980) stante l-fatt li l-intimati konjugi Vassallo hallsu dan l-ammont lill-Antoine Auto Dealer li huwa sub-agent ta' Michael Attard Limited tal-Peugeot u dank if ser jigi ippruvat tul is-smiegh tal-kawza.

Ghalhekk jitolbu li jigi kjamat inkawza is-Sur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ta' Hal-Tartari Street, Rabat, Malta.

Bl-ispejjez kontra Antoine Vassallo.

Il-konvenut f'affidavit tieghu spjega illi huwa kien hallas lil Antonie Auto Dealer u koll ma fadallu xi jhallas huwa l-ammont ta' sitt mija tmienja u sebghin ewro (€678) u filfatt ipprezenta ricevuti ta' Michael Attard Limited li hallas. Dawn tahamlu Antonie Auto Dealer.

Xehed Stefan Sacco li spjega li r-ricevuti li gew pprezentati nil-konvenut fir-records taghhom ma jgibux la ismu u lanqas id-data li hemm fuqhom.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi l-konvenuti gew imqarqa minn Antoine Auto Dealer pera' ma jnaqqasx ir-responsabilita taghhom versu s-socjeta' attrici.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn u disghin ewro u erbatax-il centezmu (€2,090.14) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------